MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

**Illum 14 ta' Ottubru, 2016**

Rikors Maħluf Numru 965/2014 LM

**Antonio Macheda (K.I. numru 95048A)**

**vs.**

**EveryMatrix Ltd (C44411) u Dr Martin Fenech u l-P.L. Gerald Bonello b'digriet taż-17 ta' Novembru, 2014 ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera EveryMatrix N.V., reġistrata fil-Curacoa.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fl-4 ta' Novembru, 2014 mill-attur **Antonio Macheda** (minn issa 'l quddiem "l-attur") li jgħid kif ġej:

1. *Illli huwa u s-soċjetà intimata EveryMatrix N.V. daħlu fi ftehim fejn is-soċjetà EveryMatrix N.V. kellha tiffornixxi lir-rikorrent pjattaforma ta' logħob online (casino) kif ukoll logħob online flimkien ma' servizzi ta' ħlas. (Dok. 'A').*

2. *Illi dan il-ftehim huwa soġġett għal-liġijiet Maltin (ara klawsola 31).*

3. *Illi s-soċjetà EveryMatrix N.V. bl-aġir tagħha wriet li ma kellhiex il-volontà li tagħti dawk is-servizzi neċessarji lir-rikorrent fi żmien raġonevoli sabiex huwa jkun jista' jibda jaħdem mingħajr ma jsofri danni, kemm dawk rigward ir-reputazzjoni tiegħu kif ukoll dawk ekonomiċi.*

4. *Illi dan l-aġir tas-soċjetà EveryMatrix N.V. wassal għat-terminazzjoni tal-ftehim stante li EveryMatrix N.V. kisret (recte) il-causa tal-ftehim, u sussegwentement għall-ittra uffiċjali tar-rikorrent tal-15 ta' Ottubru, 2014 li ġiet notifikata lis-soċjetajiet intimati fl-20 ta' Ottubru, 2014 (Dok. 'B').*

5. *Illi fuq istruzzjonijiet ta' EveryMatrix N.V. ir-rikorrent kien ħallas depożitu ta' tlettax-il elf u ħames mitt Euro (EUR13,500) fil-kont ta' EveryMatrix Ltd mal-Bank of Valletta p.l.c.*

6. *Illi r-rikorrent kien talab lura dan id-depożitu wara li EveryMatrix N.V. aġixxiet kif deskritt fil-premessi 4 u 5.*

7. *Iżda s-soċjetajiet intimati baqgħu inadempjenti.*

8. *Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, jgħidu s-soċjetajiet intimati għaliex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u mogħtija dawk il-provvedimenti kollha neċessarji fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*(i) Tiddikjara illi l-ftehim ta' bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata EveryMatrix N.V. huwa terminat u kwindi bla effett.*

*(ii) Tordna lis-soċjetà intimata EveryMatrix Ltd tirrifondi lir-rikorrent id-depożitu ta' tlettax-il elf u ħames mitt Ewro (Eur13,500).*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Ottubru, 2014 u tas-sekwestru kawtelatorju numru 1608/2014 tal-15 ta' Ottubru, 2014, kontra s-soċjetajiet intimati illi minn issa stess huma inġunti għas-subizzjoni.*

*B'riserva għal kull azzjoni spettanti lir-rikorrent għad-danni subiti, li qed isofri u li jista' jsofri kawża tal-aġir tas-soċjetajiet intimati.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ppreżentata fit-22 ta' Diċembru, 2014 mis-soċjetajiet konvenuti **EveryMatrix Limited** u **EveryMatrix N.V.** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetajiet konvenuti") li tgħid kif ġej:

1. *Illi it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

2. *Illi kuntrarju għal dak li qiegħed jigi premess mir-rikorrent, mhuwiex minnu illi s-soċjetà konvenuta ma kellhiex il-volontà li tagħti dawk is-servizzi skont il-ftehim bejn EveryMatrix N.V u r-rikorrent, liema ftehim qiegħed jiġi allegat u mmarkat Dok. 'A'. Is-servizzi fil-fatt ġew reżi mill-esponenti u huwa r-rikorrent li stenna li jsiru servizzi ulterjuri li jaqgħu barra mill-iskop tal-ftehim bejnithom;*

3. *Illi huwa r-rikorrent, bl-aġir abbużiv tiegħu, li fil-fatt kisser il-causa tal-ftehim li wassal għat-terminazzjoni tal-kuntratt, liema terminazzjoni għandha tiġi meqjusa kemm intempestiva u kif ukoll unilaterali u arbitrarja;*

4. *Illi r-rikorrent m'għandu l-ebda dritt li jitlob lura l-ammont ta' Eur13,500 stante illi dan l-ammont ma ġiex imħallas bħala "depożitu" li għal xi raġuni jew oħra kellha tiġi rifuża lir-*

*rikorrent, iżda s-somma giet imħallsa bħala parti ta' ammont akbar dovut għas-servizzi reżi mill-esponenti skont il-ftehim de quo.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2016 fejn il-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi skont ftehim bil-miktub *(Software Service Agreement)* bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta EveryMatrix N.V.[1], din tal-aħħar intrabtet li tforni lill-attur pjattaforma ta' logħob online (*casino)* kif ukoll logħob *online* flimkien ma' servizzi ta' ħlas. L-attur deherlu li s-soċjetà konvenuta ma tatux dawn is-servizzi fi żmien raġonevoli sabiex huwa jkun jista' jibda jaħdem. Huwa bagħtilha ittra uffiċjali li permezz tagħha infurmaha li l-ftehim kien ġie tterminat minħabba dan id-dewmien u għalhekk talabha lura l-pagament ta' tlettax-il elf u ħames mitt Euro (EUR13,500) li kien tħallas mill-attur mal-iffirmar ta' dan il-ftehim.

Illi min-naħa tagħha, is-soċjetà konvenuta EveryMatrix N.V. issostni li ma taħti xejn għad-dewmien billi dan kien tort tal-attur. Hija ssostni li x-xogħol ta' żvilupp ta' *gaming website* li kellha tagħmel fil-fatt eżegwitu u għaldaqstant l-ammont mitlub mill-attur mhu xejn ħlief parti mill-kumpens għal dan ix-xogħol

[1] Esebit a fol. 5 sa 25, skrittura datata 4 ta' Frar, 2014.

li kienet għamlet hi. Terġa' u tgħid anki l-attur fil-kontroeżami[2] tiegħu jirrikonoxxi li kien ġie mwettaq ħafna xogħol mis-soċjetà konvenuta EveryMatrix N.V.

Illi s-soċjetajiet konvenuti jirrilevaw ukoll li fi kwalunkwe każ l-attur ma kellu l-ebda jedd itemm unilateralment il-kuntratt ħlief bil-modalità stipulata fil-paragrafu 15.1 tal-ftehim bejn il-partijiet. Is-soċjetajiet konvenuti jagħmlu riferiment ukoll għall-klawżola 8.1. tal-ftehim illi tgħid illi l-Operatur (l-attur) jirrikonoxxi li l-iżvilupp jista' ma jiġix skedat minn EveryMatrix N.V. skont ir-rikjesti speċifiċi tal-Operatur.

Illi l-ewwel kweżit li għandu jiġi ddeterminat qabel kull konsiderazzjoni oħra, huwa li jiġi stabbilit min jaħti għad-dewmien. Din hija prinċipalment kwistjoni ta' fatt li tiddependi mill-apprezzament tal-provi u b'mod partikolari mill-verżjonijiet rispettivi li taw il-partijiet.

Illi permezz tal-ftehim ta' bejniethom tal-4 ta' Frar, 2014, l-attur kellu jirreklama fuq il-websajt tiegħu servizzi ta' logħob biex jattira lagħba ġodda filwaqt li s-soċjetà konvenuta EveryMatrix N.V. kellha tkun responsabbli biex tassigura aċċess kontinwu għas-servizzi ta' logħob provduti mill-attur.[3] Il-prezz għall-aċċess kien ta' €27,000 li tħallsu nofshom mal-iffirmar tal-ftehim u n-nofs l-ieħor kellhom jitħallsu qabel l-ewwel ġurnata li l-lagħba jinfetħilhom l-aċċess (*launch*).[4]

---

[2] A fol. 192.
[3] Paragrafi 3 u 4 ta' klawżola 1 tal-ftehim.
[4] EveryMatrix and Antonio Macheda Software Service Agreement Products and Fees – klawżola 4 (a fol. 15 *retro* tal-proċess).

Illi fit-8 ta' Mejju, 2014 il-partijiet qablu li jsir *addendum*[5] għall-ftehim oriġinali li permezz tiegħu ġew miżjuda logħbiet oħrajn.

Illi skont klawżola 6 tal-appendiċi mal-ftehim[6], *"payment methods shall be contracted for by the Operator"* (l-attur) li jfisser li s-soċjetà konvenuta ma kinitx responsabbli biex tipprovdi metodi ta' pagamenti. Waqt li kien qiegħed isirlu l-kontroeżami, l-attur, ikkonfrontat b'din il-klawżola, isostni li minkejja din il-klawżola, qabel ma ġie ffirmat il-ftehim, *"il venditore ha detto che erano presenti nella piattaforma tutti i gateway di pagamento. Senza avere una lista io non potevo prima di firmare sapere".*[7]

Illi jinsab ferm assodat bħala prinċipju ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur*. Dan fis-sens illi mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diġà ċar (**Joseph Gatt vs. Joseph Galea**, Appell Ċivili, 14.04.1975) u l-kontraenti ma jkunux jistgħu jippruvaw permezz ta' testimoni dak li ma jirriżultax, jew jirriżulta eskluż, mill-istess kuntratt (**Vol XXXIX.iii.855** u r-rassenja ta' ġurisprudenza f'din is-sentenza kontemplata).[8]

Illi intqal fis-sentenzi fl-ismijiet **Giuseppe De Raffaele vs. Carmelo Calleja** Appell, 05.10.1962 u **Giuseppe Mifsud vs. Paolo Camilleri** Appell Ċivili, 23.10.1967 illi f'każijiet simili l-kwistjoni ma tistax tiġi risoluta ħlief fuq il-bażi tal-kuntratt kif avvalorat b'dik il-pjanta anki jekk din ma tikkorrispondix eżattament għall-intenzjoni oriġinali tal-partijiet jew għal xi ftehim verbali li

---

[5] A fol. 26 u 27.
[6] A fol. 16.
[7] Fol. 189 retro.
[8] **Gemma Fenech vs. John Bugeja** – 20.10.2003.

talvolta seta' sar bejniethom jew anki tkun ġiet ikkonsenjata lill-akkwirent art iżjed.[9]

> "Hu prinċipju assodat f'ġurisprudenza kopjuża illi l-kontraenti ma jistgħux jipprovaw permezz ta' testimoni dak li ma jirriżultax jew jirriżulta eskluż mill-kuntratt (**Kollez. Vol. XXIII.i.870; Vol. XXV.i.150**). Dan fuq l-istregwa tal-massima *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur*. Irid jingħad però li din ir-regola tad-dritt issofri limitazzjonijiet (**Kollez. Vol. XXXIX.iii.855**), *inter alia*, meta l-kuntratt ikun simulat (**Kollez. Vol. XXIX.i.837**)."[10]

Illi ġie ritenut mill-Qrati tagħna illi:

> "huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jiġi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba, inatteż id-diskussjonijiet u kif dawn żvolgew. Hu preżunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat (ara **Frendo vs. Caruana**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Jannar, 1999). Kwindi, fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'moħħhom il-partijiet (ara **Brincat vs. Saliba**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru 1983). Il-kunsens, veru li għandu jkun espressjoni tal-volontà ta' dak li ta' l-kunsens, però, meta l-kunsens jingħata forma solenni ta' att pubbliku, hu preżunt li l-manifestazzjoni tal-kunsens tirrifletti l-volontà interna tal-kuntraent. Il-prova kuntrarja, biex twaqqa' dak li jirriżulta minn att pubbliku, trid tkun ċara, unekwivoka, u konkludenti – **Grech vs. Ciantar**, deċiża mill-Onorevoli Qorti tal-Kummerċ fil-21 ta' Mejju, 1979.".[11]

Fil-kawża **Aquilina noe. vs. Portelli**, deċiża wkoll minn din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru, 2005, ġie osservat li hi presunzjoni "qawwija, loġika u ġuridika", li "meta l-partijiet jkunu ftiehmu li jinkorporaw ftehim ta' bejniethom f'kitba, huma jkunu niżżlu bil-kitba fl-iskrittura relattiva dak kollu li jkunu ftiehmu fuqu". (ara wkoll **Sar Hotels Ltd vs. Degiorgio**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede

[9] **Joselle Farrugia vs. Paskal Demajo** – 09.12.2002 – PA.
[10] **George Bonnici vs. Silvio Naudi** – 31.05.2006 – PA.
[11] **Clive Simpson noe vs. John Saliba noe** – 22.06.2004 – PA (CFS).

Inferjuri) fl-4 ta' Mejju, 2005) u sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Mejju, 2007 fil-kawża fl-ismijiet **L-avukat Dr Anthony Rutter Giappone et vs. Energy Limited**). Il-prinċipju kardinali li jirregola l-kuntratti –

> "jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. *Pacta sunt servanda*". (Qorti tal-Appell - 5 ta' Ottubru, 1998 – **Gloria mart Jonathan Beacom et vs. L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines**)."[12]

Illi barra minn hekk, il-kuntratt innifsu, fi klawżola 23[13], ma jħalli l-ebda dubbju:

> *"This agreement constitutes the entire understanding and agreement between the parties with respect to the subject-matter thereof, and the Parties agree that this agreement expressly supersedes any and all prior agreements or communications between the parties, whether oral or written in connection with the subject matter thereof."*

Illi b'danakollu f'Lulju 2014 l-attur talab lis-soċjetà konvenuta EveryMatrix N.V. tintegra l-metodu ta' ħlas imsejjaħ *Wirecard Payment Systems ('Wirecard').* Peress li l-*Wirecard* ma kinitx integrata fis-sistema tagħha, l-integrazzjoni tagħha kienet possibbli li ssir, iżda kienet tieħu iktar żmien. Is-soċjetà konvenuta EveryMatrix N.V. tgħid illi għalhekk introduċiet lill-attur ma' fornituri oħra li kienu diġà integrati fis-sistema tagħha, u beda jinnegozja magħhom imma imbgħad l-attur kien infurmaha li ma kienx hemm iktar ħtieġa li jintegra l-*Wirecard.*

[12] **Anthony Zammit u Emanuel Agius vs. Buxom Poultry Limited**, 25.05.2007, QM(Għ)GS-AE.
[13] A fol. 13.

Illi is-soċjetà konvenuta issostni wkoll[14] li sadanittant hija baqgħet taħdem fuq l-integrazzjoni tal-websajt u f'Awwissu 2014 meta kienet waslet fl-aħħar stadji biex seta' jsir il-*launch*, l-attur kien talab ħafna modifikazzjonijiet u karatteristiċi ġodda li kienu barra mill-ambitu tal-ftehim, kif ukoll biddel fehmtu u reġa' talab l-integrazzjoni tal-*Wirecard* għax ma wasalx mal-fornituri suġġeriti lilu. L-attur ippretenda li dawn is-servizzi żejda jitlestew sal-aħħar tas-sena 2014 u talab li jsir *addendum* f'dan is-sens mal-kuntratt. Is-soċjetà konvenuta infurmatu li setgħet taqdih biss fl-aħħar ta' Frar, 2015.

Illi skont Paragrafu 3 ta' Klawżola 4 tal-ftehim[15]:

> *"The Operator (l-attur) may contract with third party providers of software products during the term of this agreement and EM (EveryMatrix N.V.) shall to the best of its ability, integrate the third party solutions into the Website* ***as per the terms to be mutually agreed between the parties****."*[16]

Dan ifisser li s-servizz ta' ħlas bil-*Wirecard* kellu jitqies bħala wieħed addizzjonali u li għalih il-partijiet kellhom jiftiehmu termini ġodda, inkluż iż-żmien. Mill-korrispondenza bl-email jirriżulta wkoll li l-attur mhux biss kien qiegħed jitlob servizzi żejda, imma wkoll li dawn isiru bla ħlas.

Illi għaldaqstant m'hemmx dubbju li d-dewmien ikkawżah l-attur, u mhux is-soċjetà konvenuta EveryMatrix N.V.

Illi waqt li kienet qed tibni l-websajt, is-soċjetà konvenuta EveryMatrix N.V. irċeviet avviż formali li l-Italja kienet sejra tagħlaq il-pjattaformi tagħha għal

[14] Affidavits ta' Andrei Pasare u ta' Alexandru Mares a fol. 194-203.
[15] A fol. 8 tal-proċess.
[16] Emfażi ta' din il-Qorti.

lagħba ġodda, b'effett mill-1 ta' Jannar, 2015. *"As soon as this information was brought to my attention, it was communicated to Mr Macheda."*[17] Ftit wara Spanja ddikjarat li kienet sejra tagħlaq il-pjattaformi tagħha kollha, u l-attur ġie infurmat minnufih. Is-soċjetà konvenuta EveryMatrix N.V. issostni li meta ġie iffirmat il-ftehim bejn il-partijiet il-prodotti kollha kienu disponibbli għall-Italja u Spanja u li ma kellhiex għalfejn taħseb li ma kinux se jibqgħu hekk fil-futur prevedibbli - *"I confirm that at the time the Agreement was signed, all the products were available for Italy and Spain and we had no reason to believe that they wouldn't be in the foreseeable future".*[18]

Illi l-attur jisħaq li dawn is-swieq kienu importanti ħafna għalih. B'danakollu, dawn is-swieq ġew magħluqin wara li ġie ffirmat il-ftehim u ċertament ma jistax jingħad illi s-soċjetajiet konvenuti jaħtu b'xi mod għal dan għax għaliha dan kien *force majeure*, li tinstab definita fil-klawżola 30 tal-ftehim u li teskludi r-responsabbiltà, fost sitwazzjonijiet oħrajn, *"if the failure or delay is caused by any circumstances beyond its reasonable control".*

Illi barra minn hekk, klawżola 21 tal-ftehim bejn il-partijiet tittratta speċifikament:

> *"Government Legislation: it is recognized by the parties hereto that the provision of the Gaming Services may be subject to the applicable Government licensing regulation and laws. Neither EM nor the GSPs shall be held liable for damages of any kind that may be sustained by the Operator subsequent to any changes in Government legislation or policy*

[17] Affidavit Alexandru Mares, fol 195 u 196.
[18] Affidavit ta' Pasare George-Andrei fol. 202.

> *or from the failure of the GSPs to comply with the said licensing regulations and laws".*

Illi l-attur qabad u ttermina unilateralment il-ftehim permezz ta' ittra uffiċjali tal-15 ta' Ottubru, 2014. Huwa jistrieħ fuq l-Artikolu 1066 tal-Kodiċi Ċivili li jittratta l-kundizzjoni riżoluttiva taċita. Din iżda ma tagħtix il-fakultà li obbligazzjoni bilaterali tinħall *ipso iure* imma trid issir kawża u di più l-Qorti hija ffakultizzata permezz tal-Artikolu 1068 tal-istess Kodiċi, li tagħti żmien xieraq lill-konvenut, skont iċ-ċirkustanzi, biex ikun jista' iwettaq l-obbligazzjoni tiegħu.

Illi anke fl-ipotesi li tabilħaqq is-soċjetà konvenuta kienet kisret il-kuntratt, ma setax l-attur jistrieħ fuq dan l-artikolu tal-liġi, billi skont klawżola 15 tal-kuntratt l-attur kellu jibgħat notifika bil-miktub lis-soċjetà konvenuta u jagħtiha terminu ta' 30 jum sabiex l-allegat ksur jiġi msewwi. Huwa biss wara l-iskadenza ta' dan it-terminu li l-ftehim seta' jiġi tterminat.

Illi kif inhu magħruf il-kuntratt huwa liġi bejn il-partijiet u jissupera kull liġi oħra sakemm din ma tkunx waħda ta' ordni pubbliku. Il-klawżola inkwistjoni tixbah fakultà mogħtija mill-Kodiċi Ċivili Taljan u li ma nsibux fil-Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta u li hija msejħa *"Diffida ad adempiere"* permezz tal-Artikolu 1454:

> *"Alla parte inadempiente l'altra può intimare per iscritto di adempiere in un congruo termine, con dichiarazione che, decorso inutilmente detto termine, il contratto s'intenderà senz'altro risoluto.*
>
> *Il termine non può essere inferiore a quindici giorni, salvo diversa pattuizione delle parti o salvo che, per la natura del contratto o secondo gli usi, risulti congruo un termine minore.*

> *Decorso il termine senza che il contratto sia stato adempiuto, questo è risoluto di diritto.".*

Illi ntqal mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana li:

> *"La diffida ad adempiere, di cui all'art. 1454 c.c. ha lo scopo di fissare con chiarezza la posizione delle parti nella esecuzione del contratto. Essa mette sull'avviso l'inadempiente che l'altra parte non è più disposta a tollerare un ulteriore ritardo nella prestazione dovutale e che, per il caso di inutile decorso del termine fissato, ha già scelto la via della risoluzione del contratto." (Cass. 19 novembre 1969, n. 3761, Giust. Civ., Mass. 1969, 1886).*
> *La diffida ad adempiere… costituisce un mezzo concesso dalla legge al contraente adempiente per conseguire, nei confronti di quello inadempiente, il vantaggio della risoluzione de iure del contratto"(Cass. 6 aprile 1973, n. 973, Giust. Civ., Mass. 1973, 508).*

Illi awturi Taljani jikkumentaw li din id-*diffida* hija mezz kif wieħed ibeżbeż lill-parti inadempjenti u jagħtiha ċans tikkonforma ruħha mingħajr ma joqgħod jirrikorri għall-Qorti:

> *"La diffida ad adempiere… tutela un interesse specifico del contraente fedele: quello di affrancarsi tempestivamente dal rapporto contrattuale, evitando gli inconvenienti che conseguono dall'aggravarsi dell'inadempimento". (***Vincenzo Roppo***, Trattato del Contratto, Vol V, Rimedi – Capitolo IV, Le Risoluzioni di diritto: la diffida ad adempiere, di Matteo Dellacasa, pag. 270, Giuffrè 2006).*

U kif sewwa jgħidu s-soċjetajiet konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet, klawżola bi kliem simili għad-dispożizzjoni tal-liġi Taljana qiegħda tiġi mdaħħla

f'ħafna kuntratti kummerċjali bħala *alternative dispute resolution* – appuntu biex jiġi evitat l-inkonvenjent ta' obbligazzjonijiet mhux onorati u l-ftuħ ta' kawżi fil-Qorti. Ma kienx għalhekk leċitu għall-attur li jinjora din il-klawżola 15 tal-kuntratt u appuntu jiftaħ din il-kawża.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet konvenuti, u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attur. Spejjeż a kariku tal-attur.**

Moqrija.